MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 783/2004

Kawza fil-lista: 11

**Union Print Company Limited**
**vs**
**Karistu Abela**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Billi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' hamest elef disa mija u hamsa u tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm5,985.85) rapprezentanti xoghol ta' printing ikkonsenjat u mhux imhallas skond l-istatement hawn anness markat (Dok A) kif ukoll skond l-ammissjoni stess tal-konvenut (Dok B);

U billi l-konvenut ghalkemm interpellat mill-attur naqas li jhallas l-imsemmija somma ta’ Lm5,985.85.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. previa d-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artiklu 167 et sequitur tal-Kodici t’Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista tal-affidavit tal-avukat Dottor Ivan Sammut ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hamest elef disa mija u hamsa u tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm5,985.85) bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut fejn ammetta it-talba, kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------